**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 39– 19 ta' Settembru 2017**

***Minuti tal-39 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru, 2017 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 39. Il-laqgha bdiet fis-6:15 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Ufficċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**39.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOGIJI**

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsilliera ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**39.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgha precedenti. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena mill-vot. Il-minuti gew approvati unanimament. (147).

**39.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

39.3.1 Dwar ic-cint fi Triq Dun Salv Ciappara, is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li c-cint ser jinbena, pero ma ghadha ma nghatat l-ebda data ta' meta ser isir ix-xogħol.

39.3.2 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li ser ikunu nvoluti l-Kazini tal-Baned ghall-attivita tal-Halloween, u proprju ghal din l-attivita ser issir laqgha apposta.

39.3.3 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li TM tat direttiva sabiex permessi f'toroq li jghaddu hafna karozzi minnhom, ma jjinhargux qabel id-9:00am.

39.3.4 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li kienet mibghuta korrispondenza minn TM fejn gejna nfurmati li d-dhul u l-ħruġ mill-iskola ser isir minn Triq Frans Sammut.

39.3.5 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li Triq Dun Guzepp Bonanno, Triq Ġdida fi Triq Hal Mula kienet ser tingħata l-wiċċ. Sadanittant infurmat ukoll li ser isiru l-arbli tad-dawl fi Triq Michael Debono.

39.3.6 Il-Kunsill gie nfurmat li ser issir ukoll Triq il-Mithna minn TM. L-ghada ta' din il-laqgha kellu jkun hemm laqgha fuq il-post. Dwar is-sigra tal-ficus li hemm gewwa Triq il-Mitħna u li qed taghmel hsara lill-bir ta' wiehed mir-residenti, Il-Kunsillier Bongailas

issuggerixxa li waqt il-laqgha li kellha issir on-site l-ghada, tigi diskussa din is-sigra fejn tigi studjata l-possibbilita li jithaffer kanal fond dawramejt madwar is-sigra u jinbena hajt tal-konkoz, sabiex jipprevedi l-gheruq milli jkomplu jinxterdu. Kien hemm qbil unanimu li din is-sigra ma taqbadx u titneħħa qabel ma tigi studjata din il-possibbilita.

39.3.7 Kien hemm qbil unanimu li jsir make-up course twil tlettax-il siegha. Il-Kors jiswa Eur30 ghal dawk lijkunu nteressati.

**39.4 ESTENSJONI TAL-BUS ROUTE – HAL MULA**

Bi qbil unanimu gie deciz li dan il-punt jigi diskuss f'laqgħa ohra.

**39.5 JUM HAZ-ZEBBUG**

Kien hemm qbil unanimu li Jum Haz-Zebbug jigi mfakkar nhar il-Ħadd 29 t'Ottubru 2017. Idejalment ic-celebrazzjoni tibda bic-celebrazzjoni tal-quddies, segwita minn korteo lejn il-monument tal-vittmi tal-gwerra u wara ssir attivita kulturali gewwa s-sala Dun Mikiel Xerri. Is-Sindku Sarah Agius qalet li ser taghmel kuntatt mal-kazini tal-baned forsi jindaqqu siltiet muzikali waqt din l-attivita. Waqt din il-laqgħa ghandu jiġi diskuss jekk it-tlett kazini jaqblux li jinghaqdu jew inkella ghandux jittella' l-isem bil-polza ghat-tlett snin li gejjin. L-ammont ta'hlas m'ghandux jeccedi l-Eur1,000.

Sadanittant fuq proposta tas-Sinku Sarah Agius li giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina, ser jinghata turija ta' apprezzament lil Mary Rose Mallia, Jessica Magro, Corazon Mizzi, Andrew Micallef, Indri Attard u Philip Zammit. Kien hemm qbil unanimu. (148)

Il-Kunsillier Philip Said ippropona li Gieħ Ħaz-Zebbuġ jinghata lis-Sur Tony Cortis. Din il-proposta giet issekondata mis-Sindku Sarah Agius. Kien hemm qbil unanimu (149).

**39.6 PUBLIKAZZJONI DWAR ITTRI TA' DUN KARM PSAILA**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-kwotazzjonijiet tal-istampar tal-imsemmi ktieb. Fuq proposta tal-Kunsillier Philip Said li giet sekondata mill-Viċi-Sindku Alfred Grixti, intaghzlet il-kwotazzjoni tal-Union Print sabiex jiġu stampati 500 kopja tal-ktieb ghall-prezz ta' Eur585. (150)

**39.7 SLEEPING POLICEMAN IN TRIQ IL-BUSKETT**

Sar qbil unanimu li ssir sleeping policeman fi Triq il-Buskett lejn ic-cimiterju ta' Sant Andrija.

**39.8 ATTIVITA TAL-ISCOUTS**

Wara diskussjoni, gie maqbul li parti mill-pjazza u Triq Sciortino tinghalaq kif mitlub, jekk dejjem ma jinstabx post alternattiv fil-pjazza lejn l-area tal-BOVmid-9 ta' Dicembru sal-10 ta' Dicembru fil-hin mitlub.

**39.9 BOLLARDS FI TRIQ IL-KACCA**

Kien hemm qbil unanimu ghat-talba li saret ghall- bollards fi Triq il-Kacca.

**39.10 TENDER TA' SIGAR U *SHRUBS***

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ir-rapport mhejji mill-Bord tal-Aggidikazzjoni ghat-Tenders. Il-bord kkwalifika liz-zewg kuntratturi, jigifieri:

WM Environmental Eur44,651.78

Delta Projects Eur26,818.89

Minhabba li l-Kunsilli huma marbutin li jaghzlu l-orhos offerta, il-Bord irrakkomanda li jintaghzel Delta Projects. Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-Kunsill jimxi fuq din ir-rakkomandazzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Kien hemm qbil unanimu. (151)

**39.11 KUNTRATT SOFT AREAS**

Wara diskussjoni , is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li l-kuntratt tas-soft areas li bhalissa qed jinhadem minn WM Environmental ghandu jitwaqqaf minhabba n-numru ta' default notices illi nhargu ripetutament dwar in-nuqqasijiet kbar li kienu qed isiru. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Kien hemm qbil unanimu li WM Environmental ghandu jitwaqqaf.

Sadanittant tressqu zewġ kwotazzjonijiet ghas-soft areas, waħda minghand Delta Projects u l-oħra mingħand Rita Xuereb.

Delta Projects: Eur4,181.63 (VAT inkluz)

Rita Xuereb: Eur1,400,00 (VAT inkluz)

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li tintagħzel l-irhas offerta ta' Eur1,400. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena mill-vot. Kien qbil unanimu mill-kumplament tal-Kunsill (152).

39.12 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li ghandhom jitnaqqsu 5% mill-kont ta' WM Environmental minhabba nuqqasijiet fis-servizzi moghtija minnu.

Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-iskeda ta’ hlasijiet. (153)

## 38.13 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

Il-laqgha spiccat fit-8:25pm. Id-data tal-laqgha li jmiss giet deciza li ser issir fl-20 ta’ Ottubru 2017.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**